

32000R1578

20.7.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 181/39

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1578/2000
tad-19 ta' Lulju 2000**

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ kampjun fil-Komunità fuq il-forza tax-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ispeċifikazzjoni tal-modulu *ad hoc* ta' l-2001 dwar it-tul u l-mudelli tal-ħinijiet tax-xogħol

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾ tad-9 ta' Marzu 1998, dwar sħarriġ kampjun fil-Komunità dwar il-forza tax-xogħol, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1575/2000 ⁽²⁾ u partikolarment l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 il-lista ddettaljata ta' informazzjoni li għandha tinġabar f'modulu *ad hoc* għandha tiġi mfassla mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza għal dak il-modulu.
- (2) Sabiex tiġi ssorveljata l-applikazzjoni tal-Linji ta' Gwida dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni teħtieġ statistiki strutturali dwar l-arranġamenti dwar ħinijiet tax-xogħol flessibbli u t-tipi ta' kuntratti ta' xogħol.

- (3) Il-miżuri pprovduti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit mid-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ⁽³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-lista ddettaljata ta' informazzjoni li għandha tinġabar fil-modulu *ad hoc* għas-sena 2001 hija mniżżla fl-Anness tar-Regolament preżenti.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 3.

⁽²⁾ Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

L-ANNESS

STĦARRIĠ DWAR IL-FORZA TAX-XOGĦOL

Speċifikazzjoni tal-modulu *ad hoc* 2001 dwar it-Tul u l-mudelli ta' ħinijiet tax-xogħol

1. L-Istati Membri u r-reġjuni milquta: kollha
2. L-informazzjoni tinġabar biss għax-xogħol ewlieni
3. Il-fatturi varjabbli għandhom jiġu kkodifikati kif ġej:

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtri / rimarki
209		Jiddetermina l-metodi tax-xogħol u l-iskema tiegħu stess (mhux obbligatorja għal Ġermanja)	V26 ≠ 4, 9, vojta
	1	Jiddetermina l-metodi tax-xogħol u l-iskeda tiegħu stess	
	0	Relazzjoni subordinarja	
210		Xogħol għal ditta waħda jew xerrej wieħed (mhux obbligatorja għal Ġermanja)	V26 ≠ 4, 9, vojta
	1	Jaħdem regolari għal ditta waħda jew xerrej wieħed	
	0	Jaħdem regolari għal > minn ditta waħda jew xerrej wieħed	
211		Tmim tal-kuntratt (mhux obbligatorja għal Ġermanja)	V26 ≠ 4, 9, vojta
	1	It-taqsimha tal-produttur tintemm meta l-prodott jew is-servizzi jiġu pprovduti	
	0	It-taqsimha tal-produttur tkompli teżisti	
212-213		Sigħat ta' sahra fil-ġimgħa ta' referenza	V26 = 3
	...	Numru ta' sigħat	
214-215		Sigħat ta' sahra mħallsa fil-ġimgħa ta' referenza	V214-215 < 212- 213
		Numru ta' sigħat ta' sahra mħallsa	
204		Xogħol bix-xift	V26 = 3
	1	Persuna li tagħmel xogħol bix-xift	
	3	Persuna li ma tagħmilx xogħol bix-xift	
216		Mudell tax-xogħol bix-xift	V204 = 1
	1	Xogħol bix-xift kontinwu, normalment sistema ta' tliet xiftijiet	
	2	Xogħol bix-xift kważi kontinwu, normalment sistema ta' tliet xiftijiet	
	3	Sistema ta' żewġ xiftijiet: ġurnata ta' xift doppju	
	4	Xift xi drabi ta' bil-lejl, xi drabi ta' bin-nhar	
	5	Xogħol fiss għal xift partikolari	
	6	Xift ta' tip ieħor	

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtri / rimarki
217		Ħinijiet varjati ta' xogħol	V26 = 3
	1	Bidu u tmiem fiss ta' ġurnata xogħol	
	2	Kuntratt ta' sigħat ta' kull sena	
	3	Ħinijiet ta' xogħol bankarji	
	4	Ħinijiet ta' xogħol skond ftehim bejn żewġ naħat	
	5	Jiddetermina l-iskeda tax-xogħol tiegħu stess (m'hemmx limiti formali)	
	6	Oħrajn	
218		Kumpens għal sigħat ikkreditati	V217 = 3
	1	Jista' juża sigħat ikkreditati biex jieħu ġranet sħaħ jew ġimgħat franki (ħlief biex jieħu sigħat franki)	
	0	Ma jistax juża sigħat ikkreditati biex jieħu ġranet sħaħ jew ġimgħat franki	
219		Kuntratti minimi-massimi, xogħol bis-sejħa jew kuntratti bla sigħat (mhux obbligatorju għal Ġermanja)	V26 = 3
	1	Numru minimu ta' sigħat hu miftiehem permezz ta' kuntratt iżda in-numru ta' sigħat attwalment maħduma jistgħu jiskorru dan il-minimu u ma humiex imħallsin bir-rata tas-sahra	
	2	jirrapporta għax-xogħol biss meta hu msejjaħ	
	0	oħrajn	
220		Raġunijiet għal xogħol bix-xift	V204 = 1
	1	Ix-xogħol bix-xift kien it-tip ta' xogħol li l-persuna kienet qed tfittex (inizjativa personali)	
	2	Ix-xogħol bix-xift ma kienx it-tip ta' xogħol li l-persuna kienet qiegħda tfittex iżda l-ebda xogħol simili bla xift ma kien disponibbli (simili ma' dan ix-xogħol jew ma' din l-industrija)	
221		Raġuni għalfejn wieħed jaħdem b'dan l-arranġament ta' ħinijiet ta' xogħol (mhux obbligatorju għal Ġermanja)	V217 = 2, 3 jew V219 = 1, 2
	1	Dawn l-arranġamenti ta' ħinijiet ta' xogħol kienu it-tip ta' xogħol li l-persuna kienet qiegħda tfittex (inizjativa personali)	
	2	Dawn l-arranġamenti ta' ħinijiet ta' xogħol ma kenux it-tip ta' xogħol li l-persuna kienet qiegħda tfittex iżda l-ebda xogħol simili ma kien disponibbli b'arranġamenti ta' ħinijiet ta' xogħol ordinarji (simili ma' dan ix-xogħol fl-industrija)	
	9	Ma japplikax	V209, V221
	"vojta"	M'hemmx risposta	

4. Il-fatturi varjabbli dwar xogħol filgħaxija, xogħol bil-lejl, xogħol is-Sibtijiet u l-Ħdud li jidhru bħala l-kolonna 205 sa 208 fl-Anness mar-Regolament (KE) 1575/2000 dwar il-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-2001 'il quddiem għandhom jiġu mistħarrġa fl-2001 għall-istess perjodu ta' żmien ta' referenza bħall-modulu *ad hoc* li għalih saret referenza fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.